**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **569/2023 (AD)**

**CLIVE AGIUS (KI 187685M)**

**VS**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**
**L-AVUKAT ĠENERALI**
**IL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar talba ta' Clive Agius sabiex jiġi mħassar u revokat id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sitta (6) ta' Settembru 2023 illi permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent sabiex il-konfiska ta' garanzija personali ssir bi ħlas rateali, u sabiex jingħata l-opportunita' illi jħallas l-istess garanzija f'rati mensili bħala parti mill-piena tiegħu naxxenti

mill-Appell deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Dan a bażi tal-fatt illi qed jallega illi qed jiġu leżi permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u tal-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat sittax (16) ta' Novembru 2023, ir-rikorrent **<u>Clive Agius</u>** jippremetta:

   a. *Illi l-esponenti qiegħed preżenzjalment jiskonta l-piena mogħtija lilu wara s-sentenza emessa mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenza tikkostitwixxi res judicata u ġiet deċiża nhar it-tlieta u għoxrin ta' Mejju 2019;*

   b. *Illi fis-sentenza su premessa, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat il-konfiska tas-somma ffissata bħala garanzija personali ossia s-somma fl-ammont ta' għaxart elef Ewro;*

   c. *Illi l-istess esponenti talab sabiex l-ammont prefiss bħala garanzija personali jkun jista' jiġi mħallas mensilment u fuq medda ta' tlett snin kif trid il-liġi u in segwitu nhar l-24 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat lir-rikorrent jindika taħt liema disposizzjoni tal-liġi qed jibbaża t-talba tiegħu;*

   d. *Illi jidher li skond l-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha diskrezzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' 'kull piena pekunjarja' u għalhekk dan is-sub inċiż japplika. Il-piena pekunjarja f'dan il-kas tikkonsisti f'dak dispost f'Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

e. *Illi din il-bażi legali qiegħda tiġi ċitata wkoll in vista ta' 'judge made law' li ser tiġi trattata waqt is-sottomissjonijiet orali ta' din it-talba, fejn l-istess talba ġiet konsiderata b'eżitu favorevoli fis-sens ta' ħlas mensili;*

f. *Illi l-esponenti qiegħed fi stadju fejn il-piena pekunjarja applikata lilu qua ħlas tal-garanzija personali għadha ma bdietx tiġi skontata u minn l-atti ma jidhirx li r-reġistratur lanqas ma talab a tenur tal-artikolu 586 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tali garanzija tiġi konvertita;*

g. *Illi anke kif jidher mid-diċitura tal-istess Artikolu 14(2), it-test malti jsemmi 'kull piena pekunjarja' u t-test ingliż isemmi 'any fine'. Din it-traduzzjoni hija inpreċiża u dan għaliex 'kull piena pekunjarja' titraduċi ruħha f''any pecuniary penalty' u mhux limitata għall-'fine';*

h. *Illi di piu Artikolu 577(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li garanzija tista' ssir ukoll permezz ta' somma jew rahan / pledge u għalhekk l-għan tal-leġiżlatur jidher li huwa sabiex jistabilixxi garanzija ta' indoli ċivili / obbligazzjoni. L-esponenti għalhekk qiegħed f'sitwazzjoni li m'għandux mezzi biex iħallas l-ammont gravanti fit-totalita' tiegħu u din iċ-ċirkostanza ser tisfa f'piena pekunjarja li tiġi konvertita f'waħda ta' priġunerija;*

i. *Illi l-imposizzjoni tal-ħlas tal-garanzija personali m'għandhiex is-suġġett li tikkrea realta' fejn min għandu mezzi biex iħallas jiġi meħlus u min m'għandux jibqa' detenut, iżda l-istess liġi għandha tkun ċara li d-disposizzjoni tal-opportunita' ta' ħlas mensili għandhom japplikaw f'dan il-kas;*

j. *Illi permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fejn l-esponenti ġie prekluż milli jħallas ratealment, l-esponenti ġie leż id-dritt tiegħu u dan għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna l-misuri ta' l-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali minħabba n-natura u l-kuntest tagħhom jipprovdu għall-piena li hija eċċessiva u mhux proporzjonata għar-reat kommess. L-esponent isostni illi wieħed mis-sisien tal-*

*Konvenzjoni Ewropeja hija illi tipproteġi individwi mill-inflizzjoni ta' piena eċċessivi u mhux proporzjonati għar-reat kommess;*

k. *Ir-rikorrent iħoss illi d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll l-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jilludulu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;*

l. *Is-sub-artikolu 1 tal-586 tal-Kodiċi Krimnali jgħid is-segwenti: Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħames liri ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ. A differenza ta' l-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali, illi timponi konversjoni minn multa għall-priġunerija, l-Artikolu 586 tal-istess Kodiċi ma jagħtix il-fakolta' ta' ħlas mensili iżda lanqas ma jiċħadha;*

m. *Fil-fatt l-esponent jikkontendi illi Artikolu 586 jikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u cioe l-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew piena degradanti jew inumana;*

n. *Illi fil-każ ta' Tyrer vs United Kingdom (deċiża 25 ta' April 1978), il-Qorti Ewropea qalet illi,*

> *'The Court notes first of all that a person may be humiliated by the mere fact of being criminally convicted. However, what is relevant for the purposes of Article 3 (art. 3) is that he should be humiliated not simply by his conviction but by the execution of the punishment which is imposed on him. In fact, in most if not all cases this may be one of the effects of judicial punishment, involving as it does unwilling subjection to the demands of the penal system.*

*However, as the Court pointed out in its judgment of 18 January 1978 in the case of Ireland v. the United Kingdom, the prohibition contained in Article 3 of the Convention is absolute: no provision is made for exceptions and, under Article 15 (2) there can be no derogation from Article 3 (art. 3). It would be absurd to hold that judicial punishment generally, by reason of its usual and perhaps almost inevitable element of humiliation, is "degrading" within the meaning of Article 3 (art. 3). Some further criterion must be read into the text. Indeed, Article 3 (art. 3), by expressly prohibiting "inhuman" and "degrading" punishment, implies that there is a distinction between such punishment and punishment in general. In the Court's view, in order for a punishment to be "degrading" and in breach of Article 3 (art. 3), the humiliation or debasement involved must attain a particular level and must in any event be other than that usual element of humiliation referred to in the preceding subparagraph. The assessment is, in the nature of things, relative: it depends on all the circumstances of the case and, in particular, on the nature and context of the punishment itself and the manner and method of its execution.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddikjara li l-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali jmur kontra mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u similment id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) datat 6 ta' Settembru 2023;*

ii. *Tħassar u tirrevoka id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Settembru 2023 fuq imsemmi;*

iii. *Tagħti dawk il-provvedimenti opportuni u xierqa sabiex l-esponent jingħata rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi;*

iv. *Tagħtih l-opportunita' jħallas l-istess garanzija f'rati mensili bħala parti mill-piena tiegħu naxxenti minn l-Appell deċiż minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).*

4. B'digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tnejn, tmintax (18) ta' Diċembru 2023;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata erbatax (14) ta' Diċembru 2023, l-**Avukat tal-Istat**, l-**Avukat Ġenerali** u l-**Ministru tal-Ġustizzja** eċċepew:

   a. *Illi in linea preliminari, l-esponenti Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja m'humiex il-leġittimu kontraditturi sabiex iwieġbu għat-talbiet tar-rikorrenti;*

   b. *Illi preliminarjament ukoll, it-talbiet tar-rikorrent huma intempestivi stante li fuq ammissjoni tiegħu stess, għadha ma saritx it-talba ai termini tal-Artikolu 586 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-konverżjoni tal-garanzija in kwistjoni f'perjodu ta' detenzjoni;*

   c. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

   d. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-każ odjern. L-imsemmi artikolu jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha,*

*tordna lill-ħati li ġie ikkundannat iħallas piena pekunjarja (ammenda jew multa) iħallas l-istess f'rati mensili u konsekuttivi u fi żmien li ma jeċċedix it-tlett snin. Hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri odjerni, il-konfiska tal-garanzija personali ma taqgħax fit-tifsira ta' piena pekunjarja;*

e. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-garanzija personali qegħdha hemmhekk bħala deterrent sabiex wieħed jaħsiba darbtejn qabel ma jikser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja. Huwa minħabba f'hekk li ħlas rateali meta jkun hemm konfiska ta' garanzija personali m'huwiex kontemplat fil-liġi, u dan sabiex wieħed joqgħod iżjed attent biex jaderixxi mal-kundizzjonijiet mogħtija fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest;*

f. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-konfiska tal-garanzija personali kienet xi ħaġa prevadibbli għall-aħħar għar-rikorrent u seħħet biss minħabba l-fatt li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu, kundizzjonijiet li huwa mall-ewwel kien jaf x'kienu l-konsegwenzi f'każ li jiksirhom;*

g. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minn eżami tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'huwiex minnu li t-traduzzjoni in kwistjoni hija impreċiża. It-test Malti jistipula "kull piena pekunjarja (ammenda jew multa)" u t-test Ingliż jistipula "any fine (ammenda or multa)" u għalhekk fiż-żewġ testi qed jiġi speċifikat b'mod ċar li l-piena pekunarja li qed tiġi tradotta bħala "fine" tista' tkun ammenda jew multa. Fi kwalunkwe każ, it-test Malti dejjem jieħu preċedenza fuq it-test Ingliż f'każ ta' dubju fit-traduzzjoni in kwistjoni;*

h. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kunċett ta' 'judge made law' ma jeżistix fil-liġi nostrana;*

i. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi umilment sottomess illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni m'humiex applikabbli għall-każ odjern. Hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri, ir-rikorrent ma sofra l-ebda trattament u ma ingħata l-ebda piena inumana jew degradanti li b'xi mod tilħaq il-livell ta' severita' meħtieġa sabiex jinsab ksur tal-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;*

j. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri, huwa assolutament mhux minnu li fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna l-miżuri tal-Artikolu 586 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba n-natura u l-kuntest tagħhom jipprovdu għall-piena li hija eċċessiva u mhix proporzjonata għar-reat kommess. L-esponenti umilment jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża finalment fis-27 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet* **Gatt vs Malta** *(Applikazzjoni no. 28221/08), fejn intqal is-segwenti:*

*1. The applicant complained that the application of Article 586 of the CC in his case breached Article 3 of the Convention in that it gave rise to an excessive and disproportionate punishment. Indeed, Article 586 did not apply a ceiling on the length of the imprisonment to which a sum could be converted. In the present case, there was no relationship of proportionality between the severity of the punishment (two thousand days' imprisonment) and the minor infringement committed (the failure to observe a curfew). Moreover, this prison term, unlike in other cases, was not subject to remission for good behaviour.*

*[..]*

*2. The Court does not exclude that the imposition of a disproportionate sentence, having regard to all the circumstances of the case, may give rise to an issue under Article 3 of the Convention (see, mutatis mutandis, Hussain v. the United Kingdom, 21 February 1996, Reports 1996-I; T. v. the United Kingdom [GC], no. 24724/94, § 99, 16*

*December 1999; V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 100, ECHR 1999-IX; and Einhorn v. France (dec.), no. 71555/01, ECHR 2001-XI). However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3.* ***The Court observes that, while the length of the applicant's detention as a result of his failure to pay the guarantee may be a source of stress and anxiety to the applicant, it cannot be said to have reached the threshold prescribed by Article 3.***

***3. It follows that this complaint is inadmissible as manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 and must be rejected pursuant to Article 35 § 4 of the Convention.*** *[emfasi tal-esponenti].*

*Tajjeb jingħad li din is-sentenza ingħatat qabel ma ġie introdott il-proviso fl-artikolu 586(1) tal-Kapitolu 9 ta-Liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu ġew introdotti l-massimu li wieħed jista jinżamm f'detenzjoni f'każ li ma jkunx ħallas is-somma in kwistjoni. Illi ċiononestante, anke meta l-Kodici Kriminali ma kienx jaħseb għall-massimu ta' konverżjoni ta' multa f'detenzjoni, il-Qorti ta' Strasburgu ma sabitx li l-applikant soffra xi leżjoni tal-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni;*

*k. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda leżjoni tal-artikoli imsemmija. Konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*

*l. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti fosthom it-tħassir u revoka tad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Settembru 2023 u li r-rikorrent jingħata l-opportunita' jħallas il-garanzija f'rati mensili;*

*m. Illi in vista ta' dak kollu suespost, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u r-rikorrenti għandu jerfa r-*

*responsabbilta' għal dan, inkluż li jiġi żvestit mid-dritt li jappella d-deċiżjoni eventwali mogħtija fil-kawża odjerna u dan kif elenkat fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni;*

*n. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Clive Agius datat sittax (16) ta' Novembru 2023;

7. Reġgħet rat ir-risposta konġuntiva tal-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja datata erbatax (14) ta' Diċembru 2023;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Helenio Galea**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024[1], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok HG1 sa HG18[2]**;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali[3]**, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1 sa SCT3[4]**;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Clive Agius** waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024[5];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Marica Mifsud**, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024[6], u rat id-dokumenti

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 18 *et seq* tal-proċess
[2] Id-dokumenti jinsabu fil-proċess 569/2023/1.
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 32 *et seq* tal-proċess
[4] Id-dokumenti jinsabu fil-proċess 569/2023/1.
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 40 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 48 *et seq* tal-proċess

minnha esebiti u mmarkati **Dok MM1** (a fol 51-52 tal-proċess) **u MM2** (a fol 53-54 tal-proċess);

12. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa**, fil-kwalita' tagħha ta' **Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali**, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1** (a fol 60 *et seq* tal-proċess) **u Dok SCT2** (a fol 63 *et seq* tal-proċess);

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tnejn u għoxrin (22) t'Awwissu 2024 (a fol 80 *et seq* tal-proċess);

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024 (a fol 88 *et seq* tal-proċess);

15. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

16. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

17. Fl-ewwel lok jiġi senjalat illi skont ix-xhieda mogħtija minn **Helenio Galea**[7], ir-rikorrent diġa skonta s-sena detenzjoni rappreżentanti l-konverżjoni tal-garanzija personali, u dan fl-għoxrin (20) t'April 2024, hekk kif sostniet ukoll din il-Qorti stess fil-provvediment tagħha datat tlieta (3) ta' Mejju 2024 rigward it-talba għal *interim measure* magħmula mir-rikorrent permezz ta' rikors datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2023. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi r-rimedji mitluba mir-rikorrent fit-tieni u r-raba' talbiet tiegħu ma jistax jingħataw, gialadarba l-istess rimedji jikkonsistu fit-tħassir tad-digriet illi permezz tiegħu ġiet konvertita l-garanzija f'perjodu ta' detenzjoni, u fl-għotja tal-opportunita' sabiex il-garanzija titħallas f'rati mensili. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-istess żewġ talbiet;

[7] A fol 18 *et seq* tal-proċess

18. Il-Qorti iżda rat illi r-rikorrent, fl-ewwel talba tiegħu, talab dikjarazzjoni ta' ksur mil-liġi in vigore u minn digriet tal-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) ta' drittijiet fundamentali tiegħu, filwaqt illi fit-tielet talba tiegħu talab lil din il-Qorti *"Tagħti dawk il-provedimenti opportuni u xierqa sabiex l-esponent jingħata rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi."* Din il-Qorti tqis illi dawn iż-żewġ talbiet għadhom jistgħu jiġu indirizzati, minkejja l-fatt illi l-perjodu ta' detenzjoni mertu tal-kawża odjerna għadda, u għalhekk sejra tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha unikament dwar dawn iż-żewġ talbiet;

19. Qabel tgħaddi għall-mertu, iżda, din il-Qorti sejra primarjament tindirizza l-eċċezzjoni ta' natura preliminari sollevata mill-intimat:

## A. <u>Leġittimu Kontradittur</u>

20. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja jeċċepixxu illi ma humiex il-leġittimi kontraditturi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrent, u dan skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

21. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*[...]*

22. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu: (a) per kawża tal-liġi in vigore; u (b) per kawża ta' deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tas-sitta (6) ta' Settembru 2023;

23. Fl-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi ma jirriżulta lil din il-Qorti illi jiċċentra l-Ministru għal Ġustizzja, illi la jista' jirrispondi għall-kostituzzjonalita' o meno tal-Artikolu 586 tal-Kap 9, u wisq u wisq inqas jista' jirrispondi għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri). Konsegwentement lanqas għandu jkun l-istess Ministru għal Ġustizzja illi jagħti rimedju għal kwalsiasi leżjoni jekk hekk tirriżulta, gialadarba mhux f'pożizzjoni illi jirrispondi għaliha. Din il-Qorti sejra għalhekk **<u>tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju</u>**;

24. L-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap 90 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid illi l-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa illi, *"waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorita' oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti"*;

25. B'mod partikolari tenut kont illi l-perjodu ta' detenzjoni illi jirrigwarda l-każ odjern ġie skontat, din il-Qorti ma tarax illi għadha leġittima kontradittriċi l-Avukat Ġenerali. Dan fl-ewwel lok stante illi kwalunkwe rimedju illi ser jingħata mhux ser jaffettwa xi proċeduri penali illi setgħu wasslu sabiex ġiet intavolata l-kawża odjern. Fit-tieni lok, hekk kif jirriżulta mid-digriet tas-sitta (6) ta' Settembru 2023 stess[8], l-Avukat Ġenerali lanqas biss kienet oġġezzjonat għat-talba tar-rikorrent sabiex il-ħlas tal-garanzija jsir b'pagamenti rateali, jiġifieri da parti tagħha t-talba tar-rikorrent setgħet ġiet milqugħa. Għaldaqstant, ma jistax jitqies illi l-Avukat Ġenerali aġixxiet b'xi

[8] **Dok SCT3** fil-atti tar-Rik Nru 569/2023/1, a fol 90 *et seq* tal-proċess

mod illi kien leżiv għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u/jew għandha tirrispondi għall-istess, u/jew għandha tkun responsabbli għal kwalsiasi rimedju illi jista' jingħata r-rikorrent. Din il-Qorti għalhekk tqis illi anke l-Avukat Ġenerali għandha **tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju**;

26. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex **tilqa**' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja.

## B. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

27. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

28. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *36.(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*
>
> *(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.*
>
> *(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta'pieni kollettivi.*
>
> *(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp*

*dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp.*

29. L-Artikolu fil-liġi illi r-rikorrenti qiegħed jilmenta lilu, u cioe l-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabbilixxi illi:

> *586.(1) Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ.*
>
> *Iżda fl-ebda każ ma għandha d-detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu taqbeż is-sitt xhur jekk l-ammont ma jkunx iktar minn sebat elef euro (7,000), sena jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf euro (30,000), tmintax-il xahar jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tmenin elf euro (80,000) u sentejn jekk ikun iktar minn tmenin elf euro (80,000).*
>
> *(2) Jekk il-persuna hekk detenuta ma jkollhiex biex titmantna minn tagħha, għandu jmantniha l-Gvern; iżda f'dan il-każ hija tista' tkun imġiegħla taħdem bħall-priġunieri l-oħra li huma suġġetti għax-xogħol, u tista' tinżamm f'kull ħabs li jkun.*

30. Ir-rikorrent qed isostni illi l-konfiska ta' garanzija personali tikklassifka bħala *"piena pekunjarja (ammenda jew multa) li għaliha persuna tkun kundannata"*, ai termini tal-Artikolu 14(2), u li għalhekk seta' jiġi ordnat illi titħallas b'rati t'ammonti f'intervalli wara xulxin skont direzzjoni tal-Qorti ai termini tal-istess Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jikkontendi illi ma kellux il-mezzi finanzjarji sabiex iħallas il-garanzija

personali fis-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) in kwantu għal garanzija personali, u kien għalhekk illi l-konfiska tal-garanzija ġiet konvertita f'perjodu ta' detenzjoni. Ir-rikorrent kien ressaq talba quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex jiġi awtorizzat iħallas l-istess garanzija f'pagamenti rateali, iżda l-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu b'digriet tas-sitta (6) ta' Settembru 2023[9], u dan għas-segwenti raġunijiet:

> *Illi għalhekk jirriżulta biċ-ċar li l-intensjoni tal-leġislatur meta introduċa dan l-artikolu ma kienx dak spjegat mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu, iżda sabiex il-ħati li ġie kkundannat iħallas piena pekunjarja (ammenda jew multa) tista' fuq talba magħmula mill-Qorti u milqugħa minnha titħallas f'rati mensili u konsekuttivi u fi żmien li ma jeċċedix it-tlett snin.*
>
> *Issa l-konfiska tal-garanzija personali u tad-depositu żgur li ma jaqgħux taħt it-tifsira ta' piena pekunjarja. Din il-konfiska ma tammontax għat-tifsira ta' piena fit-terminu tal-liġi.*
>
> *Illi t-talba rikorrenti ma hiex imsejsa fuq l-ebda disposizzjoni tal-liġi u l-leġislatur ma ħasibx għal tali ħlas rateali ta' meta ikun hemm konfiska ta' garanzija personali u ta' depositu mogħti bħala garanzija. L-ideja hi sempliċi dan hu hekk sabiex meta dak li jkun jagħti garanzija kemm jekk personali kif ukoll dik permezz ta' despoitu huwa joqgħod iktar attent għall-kundizzjonijiet mogħtija fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest. Dik il-kundizzjoni tal-garanzija jekk ma tistax titqies bħala piena pekunjarja.*

[9] **Dok SCT3** esebit fl-atti tar-Rik Nru 569/2023/1, a fol 90 *et seq*

31. Mingħajr ma tieħu rwol ta’ Qorti ta’ Reviżjoni, iżda purament minn lenti u punto di vista ta’ gwardjan tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, din il-Qorti tiddikjara illi taqbel pienament mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u ma ssibx x’tiċċensura bħala anti-kostituzzjonali jew leżiv għad-drittijiet tar-rikorrent fid-deċiżjoni tagħha. L-Ewwel Qorti, fid-deċiżjoni illi permezz tagħha ordnat il-konfiska tal-garanzija personali għamlitha ċara illi hija kienet qiegħda tagħti l-ordni ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta[10], u infatti tidentifika l-garanzija personali bħala *“somma stabbilita fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija”*, u la bħala multa u lanqas bħala ammenda kif imsemmija fl-Artikolu 14(2) tal-Kap 9. Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-istess fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi ma japplikax għall-ħlas tal-garanzija personali konfiskata l-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan stante illi l-garanzija personali ma tikklassifikax bħala multa jew ammenda, u cioe piena illi permezz tagħha wieħed ipatti għal għemil kriminali, iżda bħala obbligazzjoni u sottomissjoni għal ordni tal-Qorti, cioe l-ħelsien mill-arrest. Infatti, l-Artikolu 579(1) tal-Kap 9 jgħid illi fil-każ illi jiġu miksura l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, persuna *“teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta’ multa jew ta’ priġunerija għal żmien ta’ erba’ xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f’parti minnu favur il-Gvern ta’ Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.”* Il-konfiska tal-garanzija u l-imposizzjoni ta’ multa u/jew priġunerija huma trattati independentement minn xulxin, b’dana illi huwa evidenti illi l-leġislatur ried illi jkun hemm distinzjoni bejn piena ai termini tal-Artikolu 14(2) u l-konfiska tal-garanzija ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Li kieku ma kienx hekk, kienu jitqiesu fl-Artikolu 579(1) tal-Kap 9 bħala ħaġa waħda, iżda dan assolutament m’hux il-każ.

32. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-deċiżjoni illi permezz tagħha ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal ħlasijiet rateali, ħadet in konsiderazzjoni l-liġi in vigore u applikata b’mod xieraq u ġust għall-każ u

[10] **Dok SCT1** esebit fil-atti tar-Rik Nru 569/2023/1, a fol 78 *et seq* tal-proċess

ċ-ċirkostanzi tar-rikorrent, **b'tali mod illi ma hemmx lok fejn tinsab leżjoni ta' xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti per kawża tad-digriet tas-sitta (6) ta' Settembru 2023**. Se mai, gialadarba ġiet applikata l-liġi in vigore, jekk jista' jkun hemm xi leżjoni tad-drittijiet fundamenali tar-rikorrenti, dan huwa permezz tal-operazzjoni tal-liġijiet viġenti, u huwa dan illi din il-Qorti sejra preżentement tgħaddi sabiex tindaga;

33. Ir-rikorrent qed isostni illi l-fatt illi l-liġi ma tippermettix il-konfiska ta' garanzija personali f'pagamenti rateali tikkostitwixxi trattament inuman jew degradanti stante illi r-rikorrent kellu jiskonta sena żejda detenzjoni sempliċiment għaliex ma kellux il-mezzi finanzjarji sabiex iħallas il-garanzija personali illi kienet ġiet konfiskata, b'dana għalhekk illi jidher illi l-liberta' qiegħda hemm għal min jiflaħ iħallasha, u mhux għax legalment hemm entitolament għaliha;

34. **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***, jiddefinixxu trattament jew piena inumana fit-termini ta' dak enunċjat mill-Qorti ta' Strasburgu, u cioe:

> *Ill-treatment 'must attain a minimum level of severity' if it is to amount to inhuman treatment contrary to Article 3. In particular, it must 'cause either actual bodily harm or intense physical or mental suffering'. Where relevant the suffering caused must 'go beyond that inevitable element of suffering' that results from a 'given form of legitimate treatment or punishment'. In contrast with torture, inhuman treatment need not be intended to cause suffering and there is no need for the suffering to be inflicted for a purpose for it to be inhuman. Otherwise, as the Court has emphasized, the crucial distinction between torture and inhuman treatment lies in the degree of suffering caused. Clearly, less intense suffering is required than in the case of torture. A threat of torture, provided that it is 'sufficiently real and*

*immediate', may generate enough mental suffering to be inhuman treatment.*[11]

Bħala eżempji ta' dak illi jikkostitwixxi trattament inuman, l-istess awturi jsemmu, *"physical assault, the use of psychological interrogation techniques, the subjection of a person in detention to inhuman conditions or treatment, and the deportation or extradition of a person to face ill-treatment in another country."*[12];

35. Mill-banda l-oħra, imbagħad, **Harris, O'Boyle u Warbrick** jiddefinixxu trattament jew piena degradanti kif isegwi:

> *Treatment is degrading if it 'is such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them'. Or, in the language of an alternative formula that the Court sometimes adopts, treatment is degrading if it 'humiliates or debases and individual showing a lack of respect for, or diminishing, his or her human dignity or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an indvidiual's moral and physical resistance'. In contrast with inhuman treatment, the emphasis is upon humiliation or debasement rather than physical or mental suffeirng, although clearly the two overlap. As with other kinds of ill-treatment proscribed by Article 3, the test is a relative one, depending upon all the circumstances of the case. Moreover, the humiliation involved must be more than that which follows inevitably from accepted forms of treatment, such as that relating to conditions of imprisonment.*[13]

[11] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 75
[12] Ibid, p. 76
[13] Ibid, p. 92

36. Il-***Guide on Article 3 of the Convention – Prohibition of Torture***[14] ikompli jispjega:

> *6. In order to determine whether the threshold of severity has been reached, other factors may be taken into consideration, in particular: (a) the purpose for which the ill-treatment was inflicted, together with the intention or motivation behind it, although the absence of an intention to humiliate or debase the victim cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 of the Convention; (b) the context in which the ill-treatment was inflicted, such as an atmosphere of heightened tension and emotions; and (c) whether the victim is in a vulnerable situation (Khlaifia and Others v. Italy [GC], 2016, § 160).*
>
> *7. When assessing whether a person has been subjected to ill-treatment attaining the minimum level of severity, in particular those inflicted by private individuals, the Court takes into account an array of factors, each of which are capable of carrying significant weight. All these factors presuppose that the treatment to which the victim was "subjected" was the consequence of an intentional act. Therefore, bodily injuries and physical and mental suffering experienced by an individual following an accident which is merely the result of chance or negligent conduct cannot be considered as the consequence of "treatment" to which that individual has been "subjected" within the meaning of Article 3 (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, §§ 121 and 123).*

[14] < https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/guide_art_3_eng> Verżjoni tal-31 t'Awwissu 2024

*8. However, where an individual is deprived of his or her liberty or, more generally, is confronted with law-enforcement officers, any conduct by the latter vis-à-vis an individual which diminishes human dignity constitutes a violation of Article 3 of the Convention (Bouyid v. Belgium [GC], 2015, §§ 100- 101).*

37. Huwa evidenti għalhekk illi l-*benchmark* illi miegħu jiġi mkejjel jekk kienx hemm trattament jew piena inumana jew degradanti huwa kemmxejn għoli, u huma ferm severi l-kundizzjonijiet illi jistgħu jwasslu sabiex jitqies illi kien hemm trattament jew piena illi jivvjolaw id-dritt sanċit mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Mill-banda l-oħra, iżda, din il-Qorti tagħraf illi l-Artikolu 3 *"enshrines one of the most fundamental values of democratic societies"* u *"The prohibition in question is absolute, no derogation from it being permissible under Article 15 § 2 even in the event of a public emergency threatening the life of the nation or in the most difficult circmstances, such as the fight against terrorism and organised crime or influx of migrants and asylum-seekers, irrespective of the person concerned (A. and Others v. the United Kingdom [GC], 2009, § 126; Mocanu and Others v. Romania [GC], 2014, § 315; El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], 2012, § 195 and Z.A. and Others v. Russia [GC], 2009, §§ 187- 188) or the nature of the alleged offence committed by him or her (Ramirez Sanchez v. France [GC], 2006, § 116 and Gäfgen v. Germany [GC], 2010, § 87)."*;

38. Hekk kif tajjeb jissottometti l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Qorti Ewropea diġa kellha l-opportunita' illi tiddikjara ruħha dwar jekk l-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent jew le, u f'sitwazzjoni identika għal dik odjerna, qalet fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Gatt v Malta***[15]:

[15] Appl Nr 28221/08, QEDB, 27 ta' Lulju 2010

*26. The applicant complained that the application of Article 586 of the CC in his case breached Article 3 of the Convention in that it gave rise to an excessive and disproportionate punishment. Indeed, Article 586 did not apply a ceiling on the length of the imprisonment to which a sum could be converted. In the present case, there was no relationship of proportionality between the severity of the punishment (two thousand days' imprisonment) and the minor infringement committed (the failure to observe a curfew). Moreover, this prison term, unlike in other cases, was not subject to remission for good behaviour.*

*27. The Government submitted that the applicant had freely entered into the obligation, the breach of which entailed the conversion of the guaranteed sum into detention at a pre-determined rate. Moreover, whether the treatment at issue amounted to punishment or otherwise, it had not reached the threshold required to find a violation of Article 3.*

*28. The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim's behaviour. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that*

*inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, §§ 95-96, ECHR 2008)*

*29. The Court does not exclude that the imposition of a disproportionate sentence, having regard to all the circumstances of the case, may give rise to an issue under Article 3 of the Convention (see, mutatis mutandis, Hussain v. the United Kingdom, 21 February 1996, Reports 1996-I; T. v. the United Kingdom [GC], no. 24724/94, § 99, 16 December 1999; V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 100, ECHR 1999-IX; and Einhorn v. France (dec.), no. 71555/01, ECHR 2001-XI). However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3. The Court observes that, while the length of the applicant's detention as a result of his failure to pay the guarantee may be a source of stress and anxiety to the applicant, it cannot be said to have reached the threshold proscribed by Article 3.*

*30. It follows that this complaint is inadmissible as manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 and must be rejected pursuant to Article 35 § 4 of the Convention.*

39. Din il-Qorti tagħraf ukoll illi, hekk kif issottometta wkoll l-Avukat tal-Istat, din is-sentenza ngħatat meta l-*proviso* tal-Artikolu 586(1) tal-Kap 9, illi jistabbilixxi limitu għat-tul tal-perjodu ta' detenzjoni illi somma tista' tiġi konvertita fih, kien għadu ma daħalx fis-seħħ, u infatti n-nuqqas ta' limitu kien wieħed mill-argumenti illi ressaq Gatt sabiex jissostanzja l-

allegazzjoni tiegħu illi kienu qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Ciononostante, il-Qorti Ewropea xorta waħda ma sabitx leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Aktar u aktar, għalhekk, din il-Qorti tqis illi għandu japplika l-insenjament tal-Qorti Ewropea f'***Gatt*** għall-każ odjern, gialadarba l-liġi llum il-ġurnata tinkludi wkoll salvagwardja li mhux talli ma tikkostitwixxix trattament jew piena inumana u degradanti, iżda se mai tiffavorixxi lil persuna li jkollha tiskonta perjodu ta' detenzjoni minflok tħallas somma li tkun obbligat ruħha li tħallas;

40. Din il-Qorti għalhekk tiddikjara illi taqbel pienament mal-insenjament tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward, u filwaqt illi tadottah *in toto*, tapplikah għall-każ odjern u tagħmlu tagħha, tirrileva illi l-garanzija personali għandha l-effett illi sservi ta' deterrent għal min ikun ngħata ħelsien mill-arrest. Ir-rikorrent kien ben konxju tal-fatt illi huwa kien obbliga ruħu illi josserva numru ta' kundizzjonijiet, u kien konxju wkoll tal-effett illi jista' jkollu n-nuqqas t'osservanza tagħhom. Huwa minnu illi sena detenzjoni addizzjonali ma kinitx waħda mill-effetti espliċitament mifthiema, iżda r-rikorrent, illi kellu idea ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu fil-mument illi fih kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, seta' faċilment jipprevedi l-konsegwenzi t'azzjonitu. Ma jistax għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, jirnexxi l-argument tar-rikorrent illi l-konverżjoni tan-nuqqas ta' ħlas tal-garanzija personali f'detenzjoni tikkostitwixxi trattament inuman u degredanti bi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

41. Għaldaqstant, ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti ma ssibx leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** l-ewwel u t-tielet talbiet rikorrenti.

**Decide**

42. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa</u>’** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati Avukat Ġenerali u Ministru għall-Ġustizzja, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u r-raba’ talbiet rikorrenti;

iii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel u t-tielet talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**